MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1531/2004

**Herman u Lydia konjugi von Brockdorff**

**Vs**

**Carmel Richard**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm920.44c (disa' mija u ghoxrin lira Maltin u erbgha w erbghin centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tas-17 ta' Settembru, 2002 f'Triq il-Ferrovija l-Antika, Santa Venera bejn vettura numru ta' registrazzjoni LAI 437 misjuqa mill-konvenut u proprjeta' tieghu u vettura numru ta' registrazzjoni HVB 001 misjuqa mill-attur Herman von Brockdorff, liema ncident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-konsult legali (Lm10 ghaxar liri Maltin) u ta' l-Ittra Ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Neville Camilleri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------